The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Wednesday, 2nd February, 2022, from 9.30 a.m. till 4.00 p.m., Triq San Nikola will be closed for all traffic. Parking of vehicles is not allowed on this day during these times.

1st February, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf illi nhar il-Ħamis, it-3 ta' Frar, 2022, mid-9.30 a.m. sas-1.00 p.m., Triq il-Kbira se tkun magħluqa għat-traffiku kollu. Ħadd ma jista' jipparka vetturi f'din il-ġurnata matul dawn il-ħinijet.

L-1 ta' Frar, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Thursday, 3rd February, 2022, from 9.30 a.m. till 1.00 p.m., Triq il-Kbira will be closed for all traffic. Parking of vehicles is not allowed on this day during these times.

1st February, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Frar, 2022, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., Triq Għaxqet

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Friday, 4th February, 2022, from 9.30 a.m. till 5.00 p.m., Triq Għaxqet

l-Għajn se tkun magħluqa għat-traffiku kollu. Ħadd ma jista' jipparka vetturi f'din il-ġurnata matul dawn il-ħinijet.

L-1 ta' Frar, 2022

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Laqgħa tal-Lokalità Annwali

Il-Kunsill Lokali Santa Luċija javża li l-Laqgħa tal-Lokalità skont l-Artikolu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) se tinżamm nhar l-Erbgħa, 16th Frar, 2022, fit-Tea Room, Ġnien is-Serenità, Santa Luċija, fis-6.00 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija huma mħeġġa li jattendu u jipparteċipaw fid-diskussjoni.

Kull min jipparteċipa jista' jressaq is-suġġerimenti tiegħu għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

Residenti interessati li jattendu huma mitluba jċemplu ill-Kunsill Lokali bin-numru 2166 6600 biex jirriservaw post.

L-1 ta' Frar, 2022

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi se ssir sospensjoni ta' parkeġġ fi Triq Ta' Ċenċ (minn Triq tal-Gruwa 'l isfel), Triq Santa Marija u Triq ix-Xabbata minħabba l-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita minn nhar it-Tlieta, l-1 ta' Frar, 2022, mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m., sakemm jinħareġ avviż ieħor.

Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

L-1 ta' Frar, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jixtieq jgħarraf li:

Nhar il-Ħamis, 10 ta' Frar, 2022, Triq Sciortino u Misraħ San Filippu se jkunu magħluqa għat-traffiku mis-6.00 a.m. sa nofsinhar. Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq matul dawn il-ħinijiet.

Nhar is-Sibt,19 ta' Marzu, 2022, Triq Sciortino u Misraħ San Filippu se jkunu magħluqa għat-traffiku mis-6.00 a.m.

l-Għajn will be closed for all traffic. Parking of vehicles is not allowed on this day during these times.

1st February, 2022

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

The Santa Luċija Local Council in accordance with Article 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), notifies the residents that an Annual Locality Meeting will be held on Wednesday, 16th February, 2022, at the Tea Room, Garden of Serenity, Santa Luċija, at 6.00 p.m.

All residents whose names appear in the last Santa Lucija Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in this discussion.

All participants may put forward their suggestions for the Council's consideration.

Residents interested in attending are kindly requested to call the Local Council on 2166 6600 for reservations.

1st February, 2022

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Ta' Sannat Local Council notifies that there will be suspension of parking in Triq Ta' Ċenċ (lower part from Triq tal-Gruwa), Triq Santa Marija and Triq ix-Xabbata due to the project of the renovation of Pjazza Santa Margerita from Tuesday, 1st February, 2022, from 7.00 a.m. till 7.00 p.m., until further notice.

Parked vehicles will be towed.

1st February, 2022

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that:

On Thursday, 10th February, 2022, Triq Sciortino and Misraħ San Filippu will be closed for traffic from 6.00 a.m. till noon. No parking is allowed in these streets during these times.

On Saturday, 19th March, 2022, Triq Sciortino and Misraħ San Filippu will be closed for traffic from 6.00 a.m.

sa nofsinhar. Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq matul dawn il-ħinijiet.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Mejju, 2022, Triq Sciortino u Misraħ San Filippu se jkunu magħluqa għat-traffiku mis-6.00 a.m. sa nofsinhar. Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq matul dawn il-ħinijiet.

L-1 ta' Frar, 2022

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 8 ta' Frar, 2022, għal:

Kwot. No. WSC/Q/01/2022. Provvista u konsenja ta' fittings addizzjonali għall-Pembroke Ta' Qali tunnel peripherals għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022, għal:

Kwot. No. WSC/Q/02/2022. Provvista u konsenja ta' DN600 cross għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/110/2021. Xiri ta' threaded pvc riser pipes għal ground water boreholes tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 11 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/01/2022. Provvista u konsenja ta' Woltman meters DN50 – DN300 lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/03/2022. Provvisti – provvista u installazzjoni ta' fibre optic cable u ancillaries għal boreholes tat-Tramuntana lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 14 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/06/2022. Provvista u konsenja, inkluż disinn, manifatturar, ittestjar u kkummissjonar ta' motor control panels għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/156/2021. Provvisti – bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' laptops effiċjenti fl-użu tal-enerġija u aċċessorji lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

till noon. No parking is allowed allowed in these streets during these times.

On Sunday, 1st May, 2022, Triq Sciortino and Misraħ San Filippu will be closed for traffic from 6.00 a.m. till noon. No parking is allowed allowed in these streets during these times.

1st February, 2022

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 8th February, 2022, for:

Quot. No. WSC/Q/01/2022. Supply and delivery of additional fittings for the Pembroke Ta' Qali tunnel peripherals for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 9th February, 2022, for:

Quot. No. WSC/Q/02/2022. Supply and delivery of DN600 cross for the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/110/2021. Purchase of threaded pvc riser pipes for ground water boreholes of the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 11th February, 2022, for:

Advt No. WSC/T/01/2022. Supply and delivery of Woltman meters DN50 – DN300 to the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/03/2022. Supplies – supply and installation of fibre optic cable and ancillaries for north boreholes to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 14th February, 2022, for:

Advt No. WSC/T/06/2022. Supply and delivery, including design, manufacture, testing and commissioning of motor control panels for the Water Services Corporation

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 17th February, 2022, for:

Advt. No. WSC/T/156/2021. Supplies – framework agreement for the supply and delivery of energy efficient laptops and accessories to the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 18 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/08/2022. Provvisti – provvista u konsenja ta' woltman meter mechanishms (DN50-DN300) għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/04/2022. Provvisti – xiri ta' cylindrical portable wastewater refrigerated autosamplers għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 24 ta' Frar, 2022, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/05/2022. Provvisti – Bażi ta' ftehim għall-bejgħ ta' serviceable water meters mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 25 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/02/2022. Bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' gas cylinders għal-laboratorju għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 4 ta' Marzu, 2022, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/09/2022. Provvista, konsenja, ħatt, installazzjoni u kummissjunar ta' automatic coarse screens għall-Impjant għat-Trattament tad-Drenaġġ tal- Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom online. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

L-1 ta' Frar, 2022

Up to 9.30 a.m. on Friday, 18th February, 2022, for:

Advt No. WSC/T/08/2022. Supplies – supply and delivery of woltman meter mechanishms (DN50-DN300) for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 23rd February, 2022, for:

Advt No. WSC/T/04/2022. Supplies – purchase of cylindrical portable wastewater refrigerated autosamplers for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 24th February, 2022, for:

*Advt No. WSC/T/05/2022. Supplies – Framework agreement for the sale of serviceable water meters by the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 25th February, 2022, for:

Advt No. WSC/T/02/2022. Framework agreement for the supply and delivery of gas cylinders for laboratory to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 4th March, 2022, for:

*Advt No. WSC/T/09/2022. Supply, delivery, unloading, installation and commissioning of automatic coarse screens for the Wastewater Treatment Plant of the Water Services Corporation.

*Advertisements appearing for the first time

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

1st Febuary, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 3 ta' Frar, 2022.

Avviż Nru. 1 Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit tale quale f' 'Ta' Danza', Iż-Żurrieq, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_51_2008_A. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €36,450 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnax-il elf u mija u ħamsin ewro (€12,150) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 2 Kiri għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale f'Nru. 4, Blokk 'C', Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.37_81_32_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €9,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru, 3 Kiri għal perjodu ta' ħmistax-il sena tale quale fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija għal skopijiet kummerċjali ta' boathouse mingħajr l-arja tagħha, f'Nru. 9, Xatt it-Tiben, Il-Furjana, kif murija bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0203. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' dsatax-il elf ewro (€19,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Frar, 2022.

Avviż Nru. 4. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' garaxx tale quale f'Nru. 154, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà kif

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 3rd February, 2022.

Advt No. 1. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site tale quale at 'Ta' Danza', Żurrieq, shown edged in red on plan P.D.JO_51_2008_A. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €36,450 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twelve thousand and one hundred and fifty euro (€12,150) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 2. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale at No. 4, in Block 'C' Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar, as shown edged in red on the plan P.D.37_81_32_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €9,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand euro (€3,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 3. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years, in its present state including any latent defects for commercial purposes, of a boathouse without its own airspace at No. 9, Xatt it-Tiben, Floriana, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0203. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nineteen thousand euro (€19,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 17th February, 2022.

Advt No. 4. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a garage tale quale at No. 154, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà

muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0300. Dan iċ-ċens se jiġi rivedut wara ħmistax-il (15) sena u jrid jiġi mifdi minnufih wara din ir-reviżjoni. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €3,297 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u disa' u disgħin ewro (€1,099) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 5. Bejgħ tale quale ta' sit fi Trejqet il-Ħuġġieġa kantuniera ma' Vjal il-21 ta' Settembru, In-Naxxar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0522. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €2,480 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf u seba' mija u sebgħa u disgħin ewro (€24,797) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 6. Kiri għal skopijiet kummerċjali għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' ħanut tale quale f'Nru. 151, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta, kif muri fuq il-pjanta L.D.68/90. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €29,325 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disat elef u seba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€9,775) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 7. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit magħruf bħala 'Tal-Qassis' fil-limiti ta' Daħlet Qorrot, In-Nadur, Għawdex, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.JO_81_2008. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tletin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€30.95) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 8. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit tale quale magħruf bħala 'Ta' Bert' Kontrada ta' San Martin, Triq l-Imdina, Ħ'Attard, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2012_810. L-offerenti għandhom

as shown edged in red on the plan P.D.2021_0300. This emphyteusis will be revised after fifteen (15) years and must be redeemed immediately thereafter. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €3,297 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and ninety-nine euro (€1,099) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 5. Sale tale quale of a site at Trejqet il-Huġġieġa cornering with Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0522. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,480 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-four thousand and seven hundred and ninety-seven euro (€24,797) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 6. Lease for commercial purposes for a period of fifteen (15) years of a shop tale quale at No. 151, Triq l-Ifran, Valletta, as shown on the plan L.D. 68/90. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €29,325 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine thousand and seven hundred and seventy-five euro (€9,775) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 7. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site known as 'Tal-Qassis' in the limits of Daħlet Qorrot, Nadur, Gozo, shown edged in red on the plan P.D.JO_81_2008. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirty euro and ninety-five cents (€30.95) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 8. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site tale quale known as 'Ta' Bert' Kontrada ta' San Martin, Triq l-Imdina, Ħ'Attard, shown edged in red on plan P.D.2012_810. The bidders must be either full-time

ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €3,672 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u mitejn u erbgħa u għoxrin ewro (€1,224) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 9. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara ta' fond proprjetà ta' terzi fi Triq il-Wied, Il-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'B' fuq il-pjanta P.D.2021_0405. Dan is-sit huwa mdawwar minn proprjetà ta'terzi (landlocked). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €9,150 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' wieħed u disgħin elf u erba' mija u disgħin ewro (€91,490) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

L-1 ta' Frar, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

Is-Segretarju Permanenti MFED jgħarraf illi:

Offerti rigward l-avviż li ġej jintlaqgħu sal-Erbgħa, 16 ta' Frar, 2021, f'nofsinhar, għal:

Offerta miftuħa/proċedura negozjata biex jiġu pprovduti servizzi ta' tindif fi skejjel tal-Istat u faċilitajiet edukattivi (inkluż is-Sajf) b'oġġetti ta' tindif li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, f'Malta u Għawdex.

Dokumenti għall-parteċipazzjoni fl-offerta ta' hawn fuq jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Taqsima tal-Procurement, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, jew jitniżżlu mis-sit elettroniku

or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €3,672 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and two hundred and twenty-four euro (€1,224) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 9. Sale tale quale of a site at the back of third party owned premises at Triq il-Wied, Mellieħa, as shown edged in red and marked letter 'B' on the plan P.D.2021_0405. This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €9,150 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ninety-one thousand and four hundred and ninety euro (€91,490) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

1st Febuary, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION

The Permanent Secretary MFED notifies that:

Tender in respect of the following notice will be received up to Wednesday, 16th February, 2022, at noon, for:

Tender open call/negotiated procedure for the provision of cleaning services in State schools and educational facilities (including Summer) with environmentally friendly cleaning items in Malta and Gozo.

Documents for participation in the above tender can be collected from the Ministry for Education Department, Procurement Section, Office 205 C, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, or downloaded from the MFED website. Documents

tal-MFED. Id-dokumenti għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-MFED nhar it-Tlieta, 4 ta' Jannar, 2022.

L-offerti għandhom jiġu depożitati BISS fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fid-Dipartiment tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Taqsima tal-Procurement, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana.

Sottomissjonijiet li jidħlu tard mhux se jiġu kkunsidrati.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta ġiet estiża mit-2 ta' Frar, 2022.

L-1 ta' Frar, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa mmarkati: SMARSF-ACSTFRM 2022 quotation for the supply and installation of a cassette air conditioner unit (Complete Functioning AC Unit), jintlaqgħu f'Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022, għal:

Kwot. Nru. SMARSF-ACSTFRM 2022. Provvista u installazzjoni ta' cassette air conditioner unit (kompluta b'AC Unit li jaħdem)

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju – mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Min hu interessat jista' jattendi u jara l-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

L-1 ta' Frar, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza nru. 2801U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, 3 ta' Frar, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

shall be published on MFED website on Tuesday, 4th January, 2022.

Offers are to be deposited ONLY in the tender box located at the Ministry for Education Department, Procurement Section, Office 205 C, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

Late submissions will not be considered.

The closing date of this tender has been extended from the 2nd February, 2022.

1st February, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION AND SPORT

Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability

The Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability, notifies that sealed offers, marked: SMARSF-ACSTFRM 2022, quotation for the supply and installation of a cassette air conditioner unit (Complete Functioning AC Unit), will be received at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, by not later than noon of Tuesday, 15th February, 2022, for:

Quot. No. SMARSF-ACSTFRM 2022. Supply and installation of a cassette air conditioner unit (complete functioning AC Unit)

Relevant documents may be collected from Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours – from Monday to Friday between 8.30 a.m. to 12.30 p.m., or by sending an email to (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt) for the attention of Ms Colombia Cefai.

Interested parties may attend and witness the opening and scheduling of the offers received on the appointed date and time.

1st February, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU ref. no. 2801U22 will be received up to noon on Thursday, 3rd February, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

L-1 ta' Frar, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, is-16 ta' Frar, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0119/22. Non-ionic contrast medium for cerebral angiograms containing 300mg iodine per mL

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, it-22 ta' Frar, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0111/22. Teriparatide 20 micrograms/80 microlitres solution for injection
CFT 020-0112/22. 3D Memo rings
CFT 020-0113/22. Tavi valves
CFT 020-0114/22. External collection kits for neurosurgery
CFT 020-0115/22. Instrument sets għal transfenodial surgery
CFT 020-0116/22. I gel supraglottic airways, size 5
CFT 020-0117/22. Instrument protectors small u medium
CFT 021-0118/22. Lulvestrant 250mg injections
CFT 021-0120/22. Vinblastine sulphate 10mg injection
CFT 020-0121/22. Printing paper għal biotronic programmer – model Renamic
CFT 020-0122/22. Colour coded drug labels
CFT 020-0123/22. Non implantable bone conduction hearing aids
CFT 020-0124/22. Paediatric digital hearing aids for mild to severe hearing loss
Id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-1 ta' Frar, 2022

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

1st February, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. of Wednesday, 16th February, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0119/22. Non-ionic contrast medium for cerebral angiograms containing 300mg iodine per mL

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 22nd February, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0111/22. Teriparatide 20 micrograms/80 microlitres solution for injection
CFT 020-0112/22. 3D Memo rings
CFT 020-0113/22. Tavi valves
CFT 020-0114/22. External collection kits for neurosurgery
CFT 020-0115/22. Instrument sets for transfenodial surgery
CFT 020-0116/22. I gel supraglottic airways, size 5
CFT 020-0117/22. Instrument protectors small and medium
CFT 021-0118/22. Lulvestrant 250mg injections
CFT 021-0120/22. Vinblastine sulphate 10mg injection
CFT 020-0121/22. Printing paper for biotronic programmer – model Renamic
CFT 020-0122/22. Colour coded drug labels
CFT 020-0123/22. Non implantable bone conduction hearing aids
CFT 020-0124/22. Paediatric digital hearing aids for mild to severe hearing loss
This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

1st February, 2022

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2022, għal:

Avviż Nru. RLC/T/201/21 R. Provvista ta' qsari, siġar u pjanti, inkluż it-tħawwil u manuntenzjoni, bl-użu ta' materjal u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-1 ta' Frar, 2022

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Rabat (Malta) Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Tuesday, 8th March, 2022, for:

Advt No. RLC/T/201/21 R. Supply of pots, trees and plants, including planting and maintenance, using environmentally friendly materials and practices.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

1st February, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Lija, permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. LLC/01/2021. Ħruġ mill-ġdid – Provvista u konsenja ta' vann ġdid li jesa' seba' persuni u li jaħdem bl-elettriku għall-Kunsill Lokali Ħal Lija.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u tista' tarahom jew tniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-1 ta' Frar, 2022

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

The Ħal Lija Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Lija Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Monday, 21st February, 2022, for:

Advt No. LLC/01/2021. Re-issue – Supply and delivery of a full electric 7 Seater brand new van for Ħal Lija Local Council.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

1st February, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

138

ARB/C006/2022 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Jannar, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ARB/C006/2022 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th January, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as

Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 523/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

OMAR AZZOPARDI, jaħdem għal rasu, ta' 38 sena, iben il-mejjet Alfred u Georgina xebba Spiteri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-29 ta' Marzu, 1983, u residenti ġewwa Block A, Flat 3, Triq is-Sliem, Il-Marsa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 200983M.

MARLISE CARUANA, waitress, ta' 35 sena, bint Mario Azzopardi u Theresa Azzopardi xebba Camilleri, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' Awwissu, 1986, u residenti ġewwa 117, Triq San Filippu, Ħal Għaxaq, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 404286M.

ANĠIE AZZOPARDI, waitress, ta' 33 sena, bint il-mejjet Alfred u Georgina xebba Spiteri, imwielda Tal-Pietà, Malta fis-27 ta' Settembru, 1988, u residenti ġewwa Block A, Flat 3, Triq is-Sliem, Il-Marsa, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 450488M.

U

ZANAH LIMITED, inkorporata fit-13 ta' April, 2015, bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C70018 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Central Business Centre, Room 1, Level 1, Suite 2, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew jkunu imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' OMAR AZZOPARDI, MARLISE CARUANA, ANĠIE AZZOPARDI u ZANAH LIMITED u pprojbiethom milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputati li jirċievu l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena (jew sitt mitt ewro (€600) kull ħmistax-il (15) ġurnata ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta), b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes jew l-imputati jindikaw lill-Qorti hu stess minn liema kont ikun qed jipperċepixxu l-flejjes indikati.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 523/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

OMAR AZZOPARDI, self-employed, 38 years, son of the late Alfred and Georgina née Spiteri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 29th March, 1983, and residing at Block A, Flat 3, Triq is-Sliem, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 200983M.

MARLISE CARUANA, waitress, 35 years, daughter of Mario Azzopardi and Theresa Azzopardi née Camilleri, born in Pietà, Malta, on the 23rd August, 1986, and residing at 117, Triq San Filippu, Ħal Għaxaq, and holder of Maltese identity card bearing number 404286M.

ANĠIE AZZOPARDI, waitress, 33 years, daughter of the late Alfred and Georgina née Spiteri, born in Tal-Pietà, Malta on the 27th September, 1988, and residing at Block A, Flat 3, Triq is-Sliem, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 450488M.

AND

ZANAH LIMITED, incorporated on the 13th April, 2015, with Maltese registration number C70018 and registered address at Central Business Centre, Room 1, Level 1, Suite 2, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to OMAR AZZOPARDI, MARLISE CARUANA, ANĠIE AZZOPARDI and ZANAH LIMITED and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year (or the amount of six hundred euro (€600) every fifteen (15) days as per Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta), provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken or the accused themselves may indicate to the Court from which account they are perceiving the moneys indicated.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 5 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and

priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 28 ta' Jannar, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 28th January, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

139

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid 9 ta' Diċembru, 2021, Rikors fl-ismijiet Victor Buttigieg vs Direttur tar-Reġistru Pubbilku et, Rikors numru 130/2013 AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Patricia Fenech u Franco Fenech,a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet Victor Buttigieg (KI 474072M) vs 1) Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 2) George Fenech (KI 812351M), 3) Carmen Fenech (KI 696452M), 4) Emanuel Fenech (KI 636558M), 5) Raymond Fenech (KI 137260M), 6) Anthony Fenech (KI 193656M), 7) Moira Fenech (KI 91970M), 8) Angela Attard Fenech (KI 445177M), 9) Karl Fenech (KI 597181M), 10) u permezz ta' digriet datat 28 ta' Ottubru 2013 Raymond Fenech ġie kkonfermat kuratur sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-mejjet Tumas Fenech, 11) u permezz ta' digriet datat 3 ta' Ġunju 2014 ġiet kjamata in kawża Anna Fenech (KI 489555M), 12) u permezz ta' Digriet datat 16 ta' Novembru 2020, l-atti ġew legittimati f'isem Patricia Fenech, Yorgen Fenech u Franco Fenech sabiex jassumu l-atti u jirrappreżentaw id-defunt George Fenech, fid-19 ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti Raymond Fenech (KI 137260M) f'ismu proprju kif ukoll fil-kapaċità tiegħu bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-mejjet Tumas Fenech, Emanuel Fenech (ID 636558M), Anthony Fenech (KI 1936561M), Carmen Fenech (KI 696452M), Moira Fenech (KI 91970M), Anna Fenech (KI 489555M), Angela Attard Fenech (KI 445177M), u Karl Fenech (KI 597181M), esponew bir-rispett:

1. Preliminari

